



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-501/11 P

**Schindler Holding Ltd et
vs
Il-Kummissjoni Ewropea**

“Appell — Akkordji — Suq tal-installazzjoni u tal-manteniment tal-liftijiet u tal-eskalejters — Responsabbiltà tal-kumpannija parent għall-ksur tad-dritt tal-akkordji mwettaq mis-sussidjarja tagħha — Kumpannija holding — Programm ta’ konformità fi ħdan l-impriża (‘Compliance-Programme’) — Drittijiet fundamentali — Prinċipji tal-Istat ta’ dritt fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-multi imposti — Separazzjoni tal-poteri, prinċipji ta’ legalità, ta’ nuqqas ta’ retroattività, ta’ protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u ta’ responsabbiltà għal aġir illeċitu — Regolament (KE) Nru 1/2003 — Artikolu 23(2) — Validità — Legalità tal-Linji Gwida tal-Kummissjoni tal-1998”

Sommarju — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tat-18 ta’ Lulju 2013

- Rikors għal annullament — Att ikkontestat — Evalwazzjoni tal-legalità fid-dawl tal-informazzjoni disponibbli fil-mument tal-adozzjoni tal-att — Kunsiderazzjonijiet retrospettivi — Assenza ta’ effett (Artikolu 263 TFUE)*
- Drittijiet fundamentali — Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem — Strument mhux integrat formalment fis-sistema legali tal-Unjoni (Artikolu 6(3) TUE; Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 52(3))*
- Dritt tal-Unjoni Ewropea — Prinċipji — Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva — Stħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjonijiet adottati mill-Kummissjoni fil-qasam tal-kompetizzjoni — Stħarriġ tal-legalità u fil-ġurisdizzjoni sħiħa tal-qorti, kemm tal-liġi kif ukoll tal-fatti — Ksur — Assenza (Artikolu 263 TFUE; Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 47; Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 31)*
- Appell — Aggravji — Assenza ta’ kritika speċifika ta’ punt tar-raġunament tal-Qorti Ġenerali — Assenza ta’ indikazzjoni tal-punti kkritikati tas-sentenza appellata — Inammissibbiltà (Artikolu 256 TFUE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 112(1)(ċ))*
- Appell — Aggravji — Motiv imressaq għall-ewwel darba fil-kuntest tal-appell — Inammissibbiltà (Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 58; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikoli 42(2) u 113(2))*

6. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Setgħa diskrezzjonali mogħtija lill-Kummissjoni mill-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 — Ksur tal-prinċipju ta' nulla poena sine lege — Assenza*
(Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 23(2); Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 98/C 9/03)
7. *Atti tal-istituzzjonijiet — Linji gwida għall-kalkolu tal-multi imposti fil-każ ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni — Natura ġuridika — Regola ta' kondotta indikattiva — Obbligu li jiġi osservat il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament — Kompetenza tal-istituzzjonijiet biex jadottawhom*
(Artikolu 290(1) TFUE; Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 23; Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 98/C 9/03)
8. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Applikazzjoni tal-linji gwida għall-kalkolu tal-multi — Ksur tal-prinċipju ta' nuqqas ta' retroattività — Assenza — Ksur tal-prinċipju ta' aspettattivi leġittimi — Assenza*
(Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 23(2); Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 98/C 9/03)
9. *Kompetizzjoni — Regoli tal-Unjoni — Ksur — Kamp ta' applikazzjoni ratione personae — Impriża — Kunċett — Unità ekonomika magħmula eventwalment minn kumpannija parent u sussidjarji — Imputazzjoni ta' ksur lil tali unità ekonomika — Ammissibilità — Ksur tal-prinċipju tar-responsabilità personali — Assenza*
(Artikoli 101 TFUE u 102 TFUE)
10. *Kompetizzjoni — Regoli tal-Unjoni — Ksur — Imputazzjoni — Kumpannija parent u sussidjarji — Unità ekonomika — Kriterji ta' evalwazzjoni — Preżunzjoni ta' influwenza determinanti eżerċitata mill-kumpannija parent fuq is-sussidjarji miżmuma 100 % minnha — Natura konfutabbli — Determinazzjoni tal-politika kummerċjali — Kriterji ta' evalwazzjoni tan-natura eventwalment awtonoma tagħha*
(Artikolu 101 TFUE; Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 23(2))
11. *Appell — Aggravji — Evalwazzjoni żbaljata tal-fatti u tal-provi — Inammissibilità*
(It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 256(1) TFUE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58)
12. *Dritt tal-Unjoni Ewropea — Prinċipji — Drittijiet fundamentali — Dritt għall-proprjetà*
(Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 17)
13. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Kriterji — Gravità tal-ksur — Obbligu li jittieħed inkunsiderazzjoni l-impatt konkret fuq is-suq — Portata — Effett ta' Prattika antikompetittiva — Kriterju mhux determinanti*
(Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 23(2); Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 98/C 9/03, punt 1A)

14. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Kuntest ġuridiku — Linji gwida adottati mill-Kummissjoni — Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-immunità minn multi u tnaqqis tal-ammont tagħhom inkambju għall-kooperazzjoni tal-impriżi implikati — Setgħa diskrezzjonali tal-Kummissjoni — Stħarriġ ġudizzjarju — Portata*

(Artikolu 263 TFUE; Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 23(2); Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni 98/C 9/03 u 2002/C 45/03, punt 21)

15. *Appell — Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja — Eżami mill-ġdid, għal raġunijiet ta' ekwità, tal-evalwazzjoni magħmula mill-Qorti Ġenerali fuq l-ammont tal-multi imposti fuq impriżi li jkunu kisru r-regoli tal-kompetizzjoni tat-Trattat — Esklużjoni — Eżami mill-ġdid ta' din l-evalwazzjoni għal motivi bbażati fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità — Ammissibbiltà*

(Artikolu 261 TFUE; Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 31)

1. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 31, 56, 65)

2. Jekk, kif jikkonferma l-Artikolu 6(3) TUE, id-drittijiet fundamentali rikonoxxuti mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali jagħmlu parti mid-dritt tal-Unjoni inkwantu prinċipji ġenerali u jekk l-Artikolu 52(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jstabbilixxi l-obbligu li d-drittijiet li jinsabu f'din u li jikkorrispondu għal drittijiet iggarantiti minn din il-konvenzjoni għandhom jingħataw l-istess sens u l-istess portata bħal dawk li tagħtihom l-imsemmija konvenzjoni, din tal-aħħar ma tikkostitwixxix, sakemm l-Unjoni ma taderixxix magħha, strument ġuridiku integrat formalment fis-sistema legali tal-Unjoni.

(ara l-punti 32, 124)

3. Il-fatt li d-deċiżjonijiet li jimponu multi fil-qasam tal-kompetizzjoni jiġu adottati mill-Kummissjoni ma huwiex minnu nnifsu kuntrarju għall-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. Fir-rigward tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li llum jinsab espress fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u li jikkorrispondi, fid-dritt tal-Unjoni, għall-Artikolu 6(1) tal-imsemmija konvenzjoni, fil-kuntest tal-istħarriġ tal-legalità previst mit-Trattat FUE, il-qorti tal-Unjoni għandha ġurisdizzjoni sħiħa mogħtija lilha permezz tal-Artikolu 31 tar-Regolament Nru 1/2003, skont l-Artikolu 261 TFUE, li tawtorizzaha tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha flok dik tal-Kummissjoni u, għaldaqstant, tħassar, tnaqqas, jew iżżid il-multa jew il-pagamenti ta' penalità imposti. Peress li l-istħarriġ previst mit-Trattati jimplika li l-qorti tal-Unjoni teżerċita stħarriġ kemm ta' fatt kif ukoll ta' liġi u li hija għandha s-setgħa li tevalwa l-provi, tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tibdel l-ammont tal-multi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li għaldaqstant ma jidherx li l-istħarriġ tal-legalità previst fl-Artikolu 263 TFUE, ikkompletat bil-ġurisdizzjoni sħiħa rigward l-ammont tal-multa, previst fl-Artikolu 31 tar-Regolament Nru 1/2003, imur kontra r-rekwiżiti tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva li jinsab fil-preżent fl-Artikolu 47 tal-Karta.

(ara l-punti 33, 36, 38)

4. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 43-45, 81, 84, 106)

5. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 54, 55, 83, 106)

6. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 56-58)

7. Il-Linji gwida għall-kalkolu tal-multi imposti fil-każ ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni la jikkostitwixxu leġislazzjoni, la leġislazzjoni delegata fis-sens tal-Artikolu 290(1) TFUE, u lanqas il-bażi legali għall-multi imposti fil-qasam tal-kompetizzjoni, li huma adottati sempliċement abbażi tal-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 1/2003. Dawn jistabbilixxu regola ta' kondotta indikattiva tal-prattika li għandha tiġi adottata li minnha l-amministrazzjoni ma tistax taħrab, f'każ partikolari, mingħajr ma tagħti raġunijiet li jkunu kompatibbli mal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u sempliċement jiddeskrivu l-metodu ta' eżami tal-ksur li ssegwi l-Kummissjoni u l-kriterji li din tobligha ruħha li tiegħu inkunsiderazzjoni sabiex tiffissa l-ammont tal-multa. L-ebda dispożizzjoni tat-Trattati ma tipprojbixxi lil istituzzjoni milli tadotta tali regola ta' kondotta indikattiva. Għaldaqstant il-Kummissjoni kellha l-kompetenza sabiex tadotta l-imsemmija linji gwida.

(ara l-punti 66-69)

8. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 75)

9. Minkejja li l-prinċipju tar-responsabbiltà personali tal-persuni ġuridiċi huwa ta' importanza partikolari, fost l-oħrajn mill-aspett tar-responsabbiltà fil-qasam tad-dritt ċivili, ma jistax ikun rilevanti biex jiġi ddefinit l-awtur ta' ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni, li huwa marbut mal-aġir konkret tal-impriżi. Fil-fatt, l-għażla tal-awturi tat-Trattati kienet li jintuża l-kunċett ta' impriża biex jiġi indikat l-awtur ta' ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni, u mhux il-kunċett ta' kumpannija jew ta' persuna ġuridika, użat fl-Artikolu 54 TFUE. Dan il-kunċett għandu jinftehem fis-sens li jkopri unità ekonomika, anki jekk, mill-perspettiva ġuridika, din l-unità ekonomika hija magħmula minn diversi persuni fiżiċi jew ġuridiċi. Għaldaqstant meta unità ekonomika tikser ir-regoli tal-kompetizzjoni, hija għandha tkun responsabbli għal dan il-ksur.

(ara l-punti 101-104, 129)

10. Il-preżunzjoni ta' influwenza determinanti eżerċitata fuq is-sussidjarja li hija fil-proprjetà totali jew kważi-totali tal-kumpannija parent tagħha hija intiża, b'mod partikolari, sabiex jinstab ekwilibriju bejn, minn naħa, l-importanza tal-għan li jiġi eliminat l-aġir li jmur kontra r-regoli tal-kompetizzjoni, b'mod partikolari kontra l-Artikolu 81 KE, u ta' prevenzjoni tat-tiġdid tiegħu u, min-naħa l-oħra, ir-rekwiżiti ta' ċerti prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni bħal, b'mod partikolari, il-prinċipji ta' preżunzjoni tal-innoċenza, tan-natura individwali tal-pieni u taċ-ċertezza legali kif ukoll id-drittijiet tad-difiża, inklużi l-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet. Din il-preżunzjoni hija madankollu konfutabbli u l-entitajiet li jixtiequ jikkonfutaw il-preżunzjoni inkwistjoni jistgħu jippreżentaw kwalunkwe element relatat mar-rabtiet ekonomiċi, ta' organizzazzjoni u legali li jgħaqqad lis-sussidjarja mal-kumpannija parent u li huma jqisu tali li juri li huma ma jikkostitwixxux entità ekonomika unika, iżda li s-sussidjarja tagħxi b'mod awtonomu fuq is-suq.

Sabiex jiġi stabbilit jekk sussidjarja tiddeterminax awtonomament l-aġir tagħha fis-suq, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-elementi kollha rilevanti li jirrigwardaw ir-rabtiet ekonomiċi, organizzazzjonali u ġuridiċi li jgħaqqdu lil din is-sussidjarja mal-kumpannija parent. Dawn l-elementi jistgħu jvarjaw skont il-każ u għaldaqstant ma jistgħux jiġu elenkati b'mod eżawrjenti. F'dan il-kuntest, il-politika kummerċjali hija element wieħed fost oħrajn u, minbarra dan, ma għandhiex tiġi interpretata b'mod strett.

Minbarra dan, l-adozzjoni mill-kumpannija parent ta' kodiċi ta' kondotta intiż għall-prevenzjoni tal-ksur mis-sussidjarji tagħha tad-dritt tal-kompetizzjoni u tal-linji gwida relatati ma' dan id-dritt, minn naħa, ma tiddel bl-ebda mod ir-realtà tal-ksur ikkonstatat fir-rigward tagħha u, min-naħa l-oħra, ma tippermettix li jiġi pprovat li l-imsemmija sussidjarji kienu jiddeterminaw b'mod awtonomu l-politika kummerċjali tagħhom. L-implementazzjoni tal-imsemmi kodiċi ta' kondotta pjuttost tissuġġerixxi kontroll effettiv mill-kumpannija parent tal-politika kummerċjali tas-sussidjarji tagħha. Il-fatt li xi wħud mill-impjegati tas-sussidjarji tagħha ma kkonformawx ruħhom ma' dan il-kodiċi ta' kondotta ma huwiex biżżejjed sabiex tiġi pprovata n-natura awtonoma tal-politika kummerċjali tas-sussidjarji inkwistjoni.

(ara l-punti 108-110, 112-114)

11. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 115, 158, 159)

12. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 124, 128)

13. Fil-kuntest tal-iffissar tal-ammont tal-multa imposta minħabba ksur tar-regoli Komunitarji tal-kompetizzjoni, għalkemm l-impatt konkret tal-ksur fuq is-suq huwa element li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata l-gravità tal-ksur, dan huwa kriterju fost oħrajn, bħan-natura proprja tal-ksur u d-daqs tas-suq ġeografiku. Minn dan jirriżulta li l-effett ta' Prattika antikompetittiva fuq is-suq ma huwiex, fih innifsu, kriterju determinanti fid-determinazzjoni tal-ammont adegwat tal-multa. B'mod partikolari, elementi li jirrigwardaw l-aspett intenzjonali jista' jkollhom iktar importanza minn dawk li jirrigwardaw l-effetti msemmija, speċjalment meta dan ikun ksur intrinsikament gravi bħat-tqassim tas-swieq. Barra minn hekk, mill-ewwel paragrafu tal-punt 1, A tal-Linji Gwida għall-kalkolu tal-multi imposti fil-każ ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, jirriżulta li dan l-impatt għandu jittieħed inkunsiderazzjoni biss meta jkun jista' jitkejjel. Konsegwentement, minkejja li l-qorti tal-Unjoni ħadet inkunsiderazzjoni l-impatt konkret tal-ksur inkwistjoni fuq is-suq, jekk wieħed jippresupponi li dan l-impatt kien effettivament jista' jitkejjel, din għamlet hekk għal finijiet ta' komplettezza.

(ara l-punti 134-136)

14. Meta hija tistħarreġ il-legalità ta' deċiżjoni li timponi multi minħabba ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, il-qorti tal-Unjoni ma tistax tistrieħ fuq il-marġni ta' diskrezzjoni li għandha l-Kummissjoni la f'dak li għandu x'jaqsam mal-għażla tal-elementi meħuda inkunsiderazzjoni fl-applikazzjoni tal-kriterji msemmija fil-Linji Gwida għall-kalkolu tal-multi imposti fil-każ ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni u lanqas f'dak li għandu x'jaqsam mal-evalwazzjoni ta' dawn l-elementi sabiex tirrinunzja li teżerċita s'tħarriġ fid-dettall kemm ta' fatt kif ukoll ta' liġi. Tali regola tapplika wkoll meta l-qorti tivverifika jekk il-Kummissjoni applikatx b'mod korrett il-Komunikazzjoni dwar l-immunità minn multi u tnaqqis tal-ammont tagħhom inkambju għall-kooperazzjoni tal-impriżi implikati. F'kull każ, il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament ma jipprekludix li tiġi ttrattata b'mod favorevoli biss l-impriża li ġġib valur miżjud sinjifikattiv fis-sens tal-punt 21 tal-Komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni tal-2002, għaliex l-għan ta' din id-dispożizzjoni huwa leġittimu.

(ara l-punti 155, 159)

15. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex kompetenti, meta tiddeċiedi fuq kwistjonijiet ta' dritt fil-kuntest ta' appell, sabiex tissostitwixxi, għal raġunijiet ta' ekwità, l-evalwazzjoni tagħha għal dik tal-Qorti Ġenerali li tiddeċiedi, fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni s'hiha tagħha, fuq l-ammont tal-multi imposti fuq impriżi minħabba ksur, imwettaq minnhom, tad-dritt tal-Unjoni. Huwa biss sa fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li

Il-livell tas-sanzjoni huwa mhux biss mhux xieraq, iżda wkoll eċċessiv, tant li huwa sproporzjonat, li jkun hemm lok li jiġi kkonstatat żball ta' liġi mwettaq mill-Qorti Ġenerali, minħabba n-natura mhux xierqa tal-ammont ta' multa.

F'dan ir-rigward, ma huwiex fid-dawl tal-ammont nominali tagħha biss li jista' jiġi deċiż jekk multa tkunx oneru sproporzjonat għal dak li fuqha hija imposta. Dan jiddependi wkoll, fost l-oħrajn, fuq il-kapaċità ta' kontribuzzjoni ta' dan tal-aħħar. Fil-każ fejn multi huma imposti fuq impriża li tikkostitwixxi entità ekonomika u li hija komposta biss formalment minn diversi persuni ġuridiċi, il-kapaċità ta' kontribuzzjoni ta' dawn tal-aħħar ma tistax tittieħed inkunsiderazzjoni b'mod individwalizzat.

(ara l-punti 164, 165, 168, 169)